**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum is-Sibt, l-ewwel (1) ta' Ġunju 2024

Kawża Nru

Il-Pulizija
(Spettur Darryl Farr)

Vs

Noor Omar Hassan
*Omissis*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Noor Omar Hassan** ta' tletin (30) sena iben Omar u Timero nee' Ali Abdi imwieled is-Somalia nhar l-ewwel (1) ta' Awwissu 1993 bir-residenza mhux magħrufa u detentur tal-permess tar-residenza Maltija bin-numru 83320(A) u kontra *Omissis* talli nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju 2024 għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu

(01:00hrs) u fix-xhur ta’ qabel, ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew f’dawn il-Gżejjer b`diversi azzjonijiet magħmula minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru `l istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b`risoluzzjoni waħda:

**(1)** biegħu jew xort' oħra ttraffikaw il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta’ l-Art 8 (e) ta’ l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

**(2)** u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkommettew dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta’ mitt metru mill-parametru ta’ skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

talli *omissis* waħdu:

**(3)** nhar il-wieħed u tletin (31) ta’ Mejju 2024 għall-ħabta tas-siegħa ta’ filgħodu (01:00hrs) u fix-xhur ta’ qabel, ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew f’dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma

kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

**(4)** u aktar talli nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju 2024, għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu (03:30hrs) u fil-ħin ta' qabel, ġewwa l-kwartieri ġenerali tal-Pulizija fil-Floriana u/jew Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

(5) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta’ mitt metru mill-parametru ta’ skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta’Malta;

talli **Noor Omar Hassan** waħdu:

(6) nhar il-wieħed u tletin (31) ta’ Mejju 2024, għall-ħabta tat-tlieta ta’ filgħodu (03:00hrs) u /jew fil-ħin ta’ qabel, ġewwa il-kwartieri ġenerali tal-pulizija fil-Floriana u/jew f’dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(7) u aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, kiser jew naqas milli jħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Karta tal-Identita' u Dokumenti Oħra tal-Identita' (Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta), ċioe' meta għal xi raġuni xi waħda mill-partikolaritajiet ma baqgħetx korretta, naqas milli mingħajr dewmien jirraporta l-fatt lill-uffiċjal awtorizzat u naqas li jikkonsenja d-dokument mhux korrett lill-uffiċjal u jagħti t-tagħrif meħtieġ;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tordna 'Ordni ta' Qbid u Iffrizar' u tissekwestra u/jew żżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputati jew huma propjeta' tagħhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu, iwiegħdu, jipotekaw jew ibiddlu jew jiddisponu minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnhom, ai termini ta' l-artikolu 22A ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalita' u l-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li ġie mir-reat jew ta' dik il-proprjeta' li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat kif ukoll il-konfiska ta' kull proprjetà li

tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta tal-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

F'każ ta ħtija il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjes li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti inkluż wkoll l-Ordni tal-Avukat Ġenerali maħruġa a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 sabiex l-imputat Noor Omar Hassan u omissis jiġu ġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat Noor Omar Hassan irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat Noor Omar Hassan jikkonferma l-ammissjoni tiegħu wara li l-istess akkużat reġa' ikkonsulta mal-legali tiegħu u wara li l-Qorti tatu żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura mill-ammissjoni tiegħu;

Rat li in segwitu għal din id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' Noor Omar Hassan, il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju sabiex l-istess Noor Omar Hassan u *omissis* jiġu proċessati separatament;

Rat li l-Qorti laqgħet it-talba għas-separazzjoni tal-ġudizzju b'digriet mogħti seduta stante illum stess;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat Noor Omar Hassan, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għall-fini ta' piena il-Qorti sejra tikkunsidra l-ammissjoni bikrija tal-akkużat Noor Omar Hassan kif wkoll il-fatt li huwa ikkoopera bis-sħiħ mal-Pulizija hekk kif spjega l-Uffiċjal Prosekutur waqt it-trattazzjoni tiegħu. Fl-istess ħin pero l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-akkużi li l-akkużat ammetta għalihom huma akkużi serji ħafna u r-reati tat-

traffikar u pussess ta' droga saru f'akkwati fejn hemm diversi postijiet ta' divertiment li jiġu frekwentati miż-żgħażagħ.

- **<u>Decide:</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 8(e) u l-artikolu 22 (2) tal-Kap 101, ir-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939), l-artikoli tal-Kap. 101 kif ukoll l-artikoli 19(1) u 24(1) tal-Kap 258 qed issib lill-akkużat **<u>Noor Omar Hassan ħati tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu</u>** (ċioe l-ewwel (1), it-tieni (2), is-sitta (6) u seba' (7) akkuża) u qed tikkundannah għall-piena ta' **<u>tmintax (18) – il xahar priġunerija effettivi u għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt ewro (€500)</u>**.

Il-Qorti tordna li a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali għandha tinghata aċċess għall-kopja skenjata tal-atti flimkien ma' kopja skenjata tas-sentenza u dan fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**